MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012

Numru 726/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Graziella Muscat)**

**vs**

**Christopher Agius**

Il-Qorti **;**

Rat li l-imputat Christopher Agius ta’ 40 sena iben Joseph u Rita nee’ Marmara, mwieled Pieta’ nhar l-20 ta’ Frar 1971 u residenti Bini tal-Gvern, Entratura B, Flat 6, Triq Dun Luret Callus, Haz Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 104171(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fix-xahar t’Awwissu 2010 u fix-xhur u snin ta’ qabel, gewwa Haz Zebbug, Malta u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indicenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, trasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indicenti, liema materjal jinvolvi persuna/i ta’ taht l-eta’ m’ghalqux jew m’ghalqitx l-eta’ ta’ disa’ snin u/jew l-materjal indicenti juri, jaghti stampa ta’ jew jirraprezenta persuna/i ta’ taht l-eta’ involut/i f’atti ta’ bestjalita’, brutalita’, sadizmu jew tortura.

Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi akkwista, xjentement akkwista access permezz ta’ teknologiji ta’ informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta’ jew jirraprezenta xi persuna ta’ taht l-eta’ liema persuna/i ta’ taht l-eta’ m’ghalqux jew m’ghalqitx l-eta’ ta’ disa’ snin u/jew l-materjal indicenti juri, jaghti stampa ta’ jew jirraprezenta persuna/i ta’ taht l-eta’ involut/i f’atti ta’ bestjalita’, brutalita’, sadizmu jew tortura.

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta’ Dicembru 2012 il-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-11 ta’ Dicembru 2012 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghall-ewwel(1) imputazzjoni li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel(1) imputazzjoni li giet iritrata mill-Prosekuzzjoni.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li huwa ghandu fedina penali nadifa, il-fatt li huwa qed jinstab hati ta' pussess u mhux ta' tixrid ta' materjal pornografiku u principalment il-fatt li l-imputat qed jiehu kura psikjatrika sabiex jindirizza il-problemi li ghandu (vide x-xhieda ta' Dr. Peter Muscat a fol. 18 et sequitur tal-atti processwali) u ghalhekk tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva u li jkun aktar idoneju li tigi mposta piena karcerarja sospiza fejn l-imputat jitpogga taht supervision order u treatment order fejn jinghata ghajnuna professjonali intiza sabiex jeghleb il-problemi li ghandu li inducewh ikun fil-pussess tal-materjal pornografiku imsemmi fic-charge sheet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 208A(1B) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

Wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-hrug ta Ordni ta Supervizjoni taht l-Ufficcjal Sorveljanti Joanna Farrugia fil-konfronti tal-hati ghal zmien sentejn(2) millum fejn l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega ghall-problema li ghandu.

Il-Qorti inoltre tqieghed lill-imputat taht 'treatment order', ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali taht il-kura tal-psikjatra Dr. Peter Muscat liema kura ghandha tikkonsisti fl-laqghat terapewtici bi frekwenza ta' mill-anqas darbtejn

fix-xahar ghal perjodu ta' sena(1), jew skond l-istruzzjonijiet tal-istess Dr. Peter Muscat.

Il-Qoti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos li josserva jew isegwi xi kundizzjoni mposta fuqu fl-Ordni ta' Supervizjoni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni moghtija lilu mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti twissi wkoll lill-hati skond il-ligi bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole u lil Dr. Peter Muscat.

Il-Qorti inoltre tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-materjal pornografiku li gie formalment esebit waqt l-udjenza tas-26 ta' Otubru 2010 u li huwa mmarkat bhala Dok. SD.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------